MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1137/2007

Raymond [Karta ta' l-Identita Nru. 334658(M)]
u Mary [Karta ta' l-Identita Nru. 728662(M)]
konjugi Gauci

vs

Robert Gauci [Karta ta' l-Identita Nru. 22869(M)]
u Vicky Lynne Gauci [Karta ta' l-Identita Nru. 426272(M)]

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentatat mill-atturi fl-1 ta' Novembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi r-rikorrent Raymond Gauci u l-intimat Robert Gauci huma ahwa;

2. Illi permezz ta' skrittura privata in atti Nutar Dr. John Debono datata dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija

tlieta u disghin (1993), [Kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok RG1] Raymond u Robert ahwa Gauci kienu flimkien, indaqs u indivizament bejniethom xtraw u akkwistaw minghand John Said [Karta ta' l-Identita' Nru. 440044 (M)]:

*(a) It-Truck tal-ghamla Leyland, Reg. No. 8843 li jintuza ghall-garr u tqassim tal-halib tal- "BENNA", 'tale quale', pero' bill-patt li meta jiehu l-flus tal-Insurance il-venditur a spejjez tieghu ipingi l- "Baqra" skond l-arti u s-sengha fuq l-istess truck, bl-accessaorji kollha tieghu; bil-licenzji u l-insurance kollha mhallsa;*

*Pero' jigi miftiehem, illi f'kwalsiasi kaz, il-venditur huwa obbligat li a spejjez tieghu jaghmel l-imsemmija "tpingija" mhux aktar tard minn Mejju 1994 jew meta tordnalhom il-kumpanija tal- "Benna", skond liema jigi l-ewwel; u*

*(b) il-Licenzji kollha relattivi ghal bejgh tal-halib mill-kumpanija "Tal-Benna"; bill-prezz u pattijiet li gejjin:*

*1. Versu l-prezz miftiehem bejn il-partijiet ta' ghoxtin elf lira Maltija (Lm20,000) li diga thallsu u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi......;*

3. Illi permezz ta' skrittura tal-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erba' u disghin (1994), insegwitu ghall-akkwist tal-licenzja relattiva minnu u mir-rikorrent, Robert Gauci ffirma ftehim ta' distribuzzjoni mas-socjeta' Malta Dairy Products Ltd., li kien ikopri area Nru. 6 u cioe' *Mellieha And Adjoining Areas, Xemxija (PARTI)* u dan effetiv ghal perjodu ndefinit mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993)[Kopja annessa u mmarkata bhala Dok RG2];

4. Illi bejn ir-rikorrent Raymond Gauci u l-intimat Robert Gauci kien hemm ftehim li dan ta' l-ahhar jiehu paga ta' Lm 75 fil-gimgha, filwaqt li l-profitti derivanti minn l-istess negozju kellhom jigu divizi ugwalment bejn iz-zewg partijiet;

5. Illi ir-rikorrent Raymond Gauci kien imur jassisti lil huh, kull nhar ta' sibt bhala *casual driver* u meta darba minnhom l-istess Robert Gauci kien wegga u ma kienx f'pozizzjoni li jahdem, l-istess Raymond Gauci kien

issostitwih ghal xahrejn shah u dan minghajr ma inghata ebda kumpens;

6. Illi kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok RG3, ghas-sena elfejn (2000) biss l-ammont ta' kommissjoni (commission) li l-intimat Robert Gauci dahhal minghand il-Malta Dairy Products u li skond l-istess ftehim huwa kellu jaqsam ma' huh ir-rikorrenti Raymond Gauci kien dak ta' Lm25444.97;

7. Illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti qieghdin jillimitaw il-pretensjoni taghhom ghal dak li jirrigwarda l-profitti akkumulati f'dawn l-ahhar tlett snien;

8. Illi in oltre nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007), ir-rikorrent Raymond Gauci u huh l-intimat Robert Gauci dahlu f'konvenju ma Charles [Karta ta' l-Identita' Nru. 286269(M)] u Lucienne [Karta ta' l-Identita' Numru 271378(M)] konjugi Taliana in atti Nutar Antoine Agius [Kopja annessa u mmarkata bhala Dok RG4] li permezz tieghu obbligaw ruhhom in solidum bejniethom li jbieghu lil konjugi Taliana n-negozju tad-distributur tal-halib u prodotti tal-Benna inkluz ukoll it-truck REG EAF 659 liema negozju hu gestit il-Mellieha u dan taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet:

*1.Bil-prezz ta' Lm80,000 li minnhom Lm10,000 qeghdin jithallsu presenzjalment u tithalla ricevuta u l-bilanc jithallas fuq l-att finali.*

*2.Ix-xerrejja jridu jottjenu Lm70,000 mill-Bank of Valletta p.l.c.*

*3.Ix-xerrejja huma obbligati li javzaw lil bejjigha fi zmien 4 gimghat millum jekk hiex sa' inghata loan.*

*4.Ix-xerrejja jiddikjaraw li huma kuntenti bit-truck.*

9. Illi jirrizulta li fil-fatt ix-xerrejja ottjenew is-self minghand il-Lombard Bank p.l.c. U li fil-fatt l-intimati pprocedew bil-bejgh tat-trukk u l-licenzja ta' distrubuzzjoni relattiva mal-konjugi Taliana minghajr ma nfurmaw lir-rikorrenti;

10. Illi fil-fatt ir-rikavat ta' Lm70,000 ntuza sabiex l-intimati jissaldaw debiti li kellhom mas-socjeta' Malta Dairy

Products Ltd u insegwitu ghal tali pagament nhar is-sebgha t'Awissu tas-sena 2007 l-intimati ffirmaw skrittura privata mal-Malta Dairy Products Limited fejn cedew id-drittijiet taghhom ta' distribuzzjoni u l-intimati u l-Malta Dairy Products Limited iddikjaraw li ma kienx ghad fadlilhom ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin;

11. Illi ghalhekk ir-rikorrenti gew mcahhda minn sehmhom mir-rikavat ta' tali bejgh, liema sehem kien fl-ammont ta' Lm 35,000;

12. Illi minkejja li l-kreditu tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimati jeccedi sew il-Lm50,000, ir-rikorrenti qieghdin jillimitaw il-pretensjoni taghhom ghas-somma ta' Lm50,000.

13. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru 2007 liema ittra giet debitament notifikata lilhom, sabiex jhallsu d-debitu hekk minnhom dovut, huma baqghu inadempjenti.

14. Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrenti huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-istess rikorrenti, l-intimati m’ghandhomx ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta’ din is-somma;

15. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1.Ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa’ t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12); u

2. Tiddikjara lill-intimati debituri u/jew min minnhom fil-konfront tar-rikorrenti ghas-somma ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) ekwivalenti ghal mija u sittax-il elf erba'

mija tmienja u sittin Ewro u sitta u sittin centezimu (116468.66 Ewro); u

3. Ghalhekk tikkundanna minnufih lill-intimati u/jew min minnhom jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) ekwivalenti ghal mija u sittax-il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sitta u sittin centezimu (116468.66 Ewro), dovuta kif intqal aktar il-fuq.

BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) bl-imghaxijiet dekorribli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu akkordat lill-konvenuta Vicky Lynne Gauci ghoxrin gurnata zmien sabiex tipprezenta ir-risposta guramentata taghha;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Vicky Lynne Gauci, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi t-talbiet attrici in kwatnu diretti kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux biss hi ma iffirmatx il-konvenju tal-21 ta’ Mejju 2007 – Dok RG 4 – talli lanqas iffirmat – jekk qatt sar – il-kuntratt finali relattiv, li baqa’ ma kienx esebit, ghalhekk jekk qatt sar dan kien bil-mohbi ta’ l-esponenti u per konsegwenza hi qatt ma setghet inkassat xi flus;

Illi bla pregudizzju mhux biss jehtieg li ssir il-prova mill-attur tal-ftehim li huwa jghid li kien hemm bejnu u bejn huh izda ghandu jaghti wkoll rendikont dettaljat ta’ l-ammont pretiz;

Illi tajjeb jinghad li l-esponenti ghaddejja minn proceduri ta’ firda personali minn zewgha Robert Gauci, l-intimat l-iehor u bizzejjed jinghad li hija ghamlet tmien (8) xhur

barra mid-dar taz-zwieg u kellha tfittex kenn ma l-Agenzija Appogg u Ghabex;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Vicky Lynne Gauci;

Rat illi l-konvenut Robert Gauci huwa kontumaci f'din il-kawza;

Rat illi l-konvenut Robert Gauci ammetta t-talbiet attrici kif dedotti u dan waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2008;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba illi giet istitwitqa bil-procedura tal-giljottina li permezz taghha l-atturi jippretendu l-ammont ta' Lm50,000 (rapprezentanti, fis-somma ta' Lm35,000 relatat ma' nofs ir-rikavat mill-bejgh ta' truck, u s-somma rimanenti f'profitt akkumulat relatat man-negozju).

**<u>Il-Mertu tal-kaz u l-Provi migbura</u>**

Illi l-atturi jiddikjaraw u jikkontendu li permezz ta' skrittura privata datata d-19 ta' Lulju 1993 (vide Dok. RG1 esebita a fol 7 tal-process, liema skrittura giet ikkonfermata minn John Said fix-xiehda tieghu tal-14 ta' Novembru 2008[1]), l-attur Raymond Gauci kien dahal fi ftehim mal-konvenut ħuh Robert Gauci u flimkien kienu xtraw it-truck bir-registrazzjoni numru 8843 ghall-garr u tqassim tal-halib tal-'BENNA' flimkien mal-licenzji kollha relattivi ghall-bejgh tal-halib mill-kumpanija 'BENNA'. Sussegwentement,

[1] Ara a fol 81 tal-process

permezz ta' skrittura datata l-5 ta' Settembru 1994 (vide Dok RG2 esebit a fol 9 tal-process), il-konvenut Robert Gauci ffirma ftehim ta' distribuzzjoni mas-socjeta' Malta Dairy Products Ltd li kien ikopri *area* no. 6 ghal perjodu indefinit. Ghalkemm fuq din l-ahhar skrittura deher biss il-konvenut Robert Gauci, bejn l-ahwa Raymond u Robert Gauci sar ftehim verbali fis-sens li l-intimat Robert Gauci kellu jinghata paga ta' Lm75 fil-gimgha filwaqt li l-profitti derivanti mill-istess negozju kellu jinqasam ugwalment bejniethom. L-atturi jaghmlu referenza wkoll ghal Dok. RG3 esebit a fol 19 tal-process) li juri li fis-sena 2000, il-profitt li ghamel il-konvenut kien dak ta' Lm25444.97 izda l-atturi jiddikjaraw li qieghdin jillimitaw il-pretensjoni taghhom ghall-ahhar tlett snin. Sussegwentement l-attur Raymond Gauci flimkien mal-konvenut huh dahlu f'konvenju ma' Charles u Lucienne Tagliana (liema konvenju sar fl-atti tan-Nutar Antoine Agius –ara Dok. RG4 esebit a fol 20 tal-process) u li permezz tieghu obbligaw ruhhom li jbieghu lill-konjugi Tagliana n-negozju tad-distributur tal-halib u prodotti tal-Benna inkluz it-truck bir-registrazzjoni EAF 659 ghall-prezz ta' Lm80,000, li minnhom Lm10,000 thallsu fuq l-istess konvenju. Il-kuntratt finali mal-konjugi Tagliana sar minghajr ma l-atturi gew infurmati filwaqt li r-rikavat ta' Lm70,000 (u li minnhom nofs kien dovut lill-atturi) ntuzaw b'mod esklussiv mill-konvenut sabiex jissalda d-dejn li huwa kellu mal-Malta Dairy Products Ltd. Fil-fatt, sussegwentement ghal tali hlas, permezz ta' skrittura privata datata s-7 ta' Awwissu 2007 (ara Dok. RG7 esebit a fol 24 tal-process) il-konvenuti cedew id-drittijiet taghhom ta' distribuzzjoni u b'hekk ma kien fadal ebda pendenza bejn l-istess konvenuti u l-Malta Dairy Products.

Il-konvenut Robert Gauci, ghazel u ddikjara li mhux ser jipprezenta r-risposta guramentata tieghu filwaqt li nhar is-6 ta' Mejju 2008, ammetta t-talbiet attrici kif dedotti.

Il-konvenuta, min-naha taghha tikkontendi li ma kienitx partecipi fuq il-konvenju tal-21 ta' Mejju 2007[2] u li lanqas ma kienet partecipi fil-kuntratt finali mal-konjugi Tagliana

[2] ara Dok. RG4 esebit a fol 20 tal-process

(jekk qatt sar). Ghalhekk, *stante* li sar kollox bil-mohbi taghha, hi ma setghet qatt tinkassa xi flus. Tikkontendi wkoll li l-piz tal-prova dwar l-allegat ftehim verbali bejn l-ahwa Gauci dwar kif ghandu jinqasam il-profitt tan-negozju jinkombi fuq l-atturi u zzid tghid ukoll li ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mar-ragel taghha, il-konvenut Robert Gauci.

1. <u>Dwar l-allegat ftehim bejn l-attur Raymond Gauci u il-konvenut Robert Gauci relatat mal-profitt tan-negozju</u>

Il-konvenuta tikkontendi li l-oneru tal-prova relattiva ghall-allegat ftehim bejn l-konvenut l-iehor zewgha u l-attur jinkombi fuq l-istess attur. Illi dan huwa minnu, *stante* li huwa principju generali tal-ligi li min jallega jrid necessarjament jipprova. Fic-cirkustanzi tal-kaz odjern, jidher li l-ahwa Gauci (u cioe' l-attur u l-konvenut) naqsu milli jaghmlu ftehim bil-miktub dwar il-paga li kellu jiehu il-konvenut u kif ghandhom jitqassmu l-profitti. Il-Qorti tirrileva li dan huwa nuqqas da parti taghhom izda jigi rilevat li meta r-relazzjoni bejn il-partijiet tkun wahda daqshekk vicina, bhal ma hija dik bejn l-ahwa, tali nuqqas huwa mmutat bl-istess relazzjoni. Pero', gialadarba il-Qorti m'ghandha ebda skrittura relattiva ghal tali allegat ftehim, din il-Qorti trid necessarjament tevalwa x-xiehda u il-provi kollha l-ohra esebiti in atti sabiex tevalwa l-istess u tara jekk tistax tkun moralment konvinta minn din it-tezi.

Illi il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' l-attur Raymond Gauci[3] fejn l-istess attur jipprovdi l-iter tan-negozju li huwa kellu ma' huh l-konvenut Robert Gauci u d-dettalji ta' tali negozju.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-fatt li l-konvenut stess, permezz tax-xiehda tieghu[4] jikkonferma t-tezi tal-attur meta jghid li hu kien jiehu paga (ghalkemm ma jaqblux precizament fuq l-ammont [u dan stante li l-atturi

[3] Ara a fol 231 – 547 tal-process

[4] Ara x-xhieda tal-intimat Robert Gauci datata s-6 ta' Mejju 2009 esebita a fol 213 tal-process

jikkontendu li l-paga tal-konvenut kienet dik ta' Lm75 fil-gimgha filwaqt li il-konvenut jiddikjara li l-paga inizjali kienet dik ta' Lm80 u li mbaghad, wara 5 snin telghet ghal Lm100 fil-gimgha]) u li l-qliegh kien jibqa' f'kont bankarju f'isimhom it-tnejn. Jidher ghalhekk li in principju, bejn l-istess ahwa hemm qbil dwar il-ftehim li kellhom bejniethom. Il-konvenuta wkoll tikkonferma li bejn l-attur u zewgha kien hemm dan it-tip ta' ftehim u dan ghaliex fix-xiehda taghha in subizzjoni tghid "***l-ragel kien qalli li hu ha jkun bil-paga u fl-ahhar tas-sena jaqsmu***", liema dikjarazzjoni tkompli tikkonferma li huwa minnu li bejn l-ahwa Gauci kien hemm dan it-tip ta' ftehim. Ghalhekk, il-Qorti hija konvinta li tali ftehim kien verament jezisti bejn l-ahwa Gauci.

2. <u>Dwar il-quantum mitlub</u>

Illi mid-dokumenti prezentati mix-xhud Oscar Attard, sales manager u rapprezentant tas-socjeta Malta Dairy Products Limited (vide Dok OA1 partikolarment a fol 70 – 72 u li huma relatati mal-ahhar tlett snin qabel ma giet intavolata l-kawza) jirrizultaw il-kummissjonijiet li inghataw lill-konvenut Robert Gauci.

Illi Lucienne Taliana tikkonferma li l-flus relattivi ghax-xiri tal-agenzija ghaddew direttament ghand Robert Gauci u zzid tghid ukoll li "***Lil Raymond Gauci xejn ma ghaddejtlu***"[5] u dan minkejja li l-istess xhud taghraf il-firma taghha fuq il-konvenju esebit (Dok RG4 esebit a fol 20 tal-process). Ix-xhud, permezz tax-xiehda taghha tas-6 ta' Mejju 2009[6], tiddikjara wkoll li c-cekk li hareg il-Lombark Bank relattiv ghas-self li hadu l-konjugi Taliana inhareg f'isem il-MDP. Fi kliem l-istess xhud, "***Kien Robert li qalli biex ic-cheque naghtih lil MDP...meta Robert qalli biex ic-cheque johrog fuq l-MDP kien hemm ir-ragel mieghi...***"[7].

---

[5] Ara x-xhieda ta' Lucienne Taliana datata t-2 ta' Frar 2009 esebita a fol 166 tal-process

[6] Ara a fol 203 tal-process

[7] Ara a fol 203 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tal-konvenut Robert Gauci[8] fejn jiddikjara li minkejja li kien jaf li fil-kont bankarju f'ismu u fuq isem l-attur kien intiz sabiex jinzammu l-profitti tan-negozju ta' bejniethom, il-konvenut ha s-somma ta' Lm7000 minn dan l-istess kont u qatt ma rega' rritornhom. Il-konvenut jiggustifika tali agir peress li martu dak iz-zmien kienet ser tiftah hanut tax-xahar. L-istess konvenut jerga' jikkonferma li l-flus mitluba mill-atturi huma kollha dovuti ghax "....***hadthom kollha jien. Laghabt xi flus ukoll fil-casino – fil-casino kollha.....nghid li hafna mill-flus kienu jkunu depozitu ta' klijenti li ma nkunx iddepozitajthom***"[9]. Imbaghad, fix-xiehda tieghu successiva, il-konvenut jiddikjara li "***ghal hanut hadt Lm13,000 fuq perjodu ta 3 snin u gew minfuq fuq appliances, kirjiet, stock u pagi***" u "***Nikkonferma li jin hadt Lm50,000. Anzi nghid li hadt bejn Lm35,000 u 40,000. Infaqthom Lm13,000 hanut u l-bqija kollha loghob. ......lil hija nikkonferma li ma tajtu xejn***"***.***

Illi il-Qorti terga' tirreferi ghad-dokumenti kollha esebiti u li huma relatati mal-kummissjonijiet li thallsu mill-MDP lil Robert Gauci msemmija aktar 'il fuq, it-trasferiment tat-truck relattiv f'isem il-konjugi Taliana ghall-ammont rimanenti ta' Lm70,000 kif ukoll l-ammissjoni da parti tal-konvenut Robert Gauci u tasal ghall-konkluzjoni li l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talbiet taghhom sal-grad rikjest mill-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici, qieghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta;

3. <u>Dwar il-kuntratt li allegatament sar bejn il-konvenut Robert Gauci u l-konjugi Taliana</u>

Illi dwar il-kuntratt relattiv bejn il-konjugi Taliana u Robert Gauci, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li dan sehh u dan ghaliex fl-ewwel lok gie esebit id-*distribution agreement*[10]

[8] Datata l-24 ta' Gunju 2009 esebita a fol 214 tal-process

[9] Ara x-xhieda tal-intimat datata l-24 ta' Gunju 2009 esebita a fol 214 tal-process

[10] Ara Dok PS3 esebit a fol 138 tal-process

bejn l-MDP u Taliana kif gie esebit ukoll il-kuntratt ta' self mill-istess konjugi Taliana minn mal-Lombard Bank[11], u fit-tieni lok minn diversi xiehda, fosthom ix-xiehda ta' Martin Grech[12] li jikkonferma dan u jzid jghid ukoll li l-Malta Dairy Products kienet thallset parti mill-kreditu dovut lilha minn Robert Gauci permezz tal-istess *loan*. Dan hu kkonfermat ukoll mix-xiehda ta' John Pace[13] bhala c-Chairman tal-MDP kif ukoll minn Philip Saliba[14] bhala rapprezentant ta' Lombard Bank, illi esebixxa kopja tas-*sanction letter*[15] relattiva kif ukoll kopja tal-imsemmi *distribution agreement* u sussegwentement permezz tax-xiehda ta' Jeanette Lepre[16].

Illi kif diga' gie rilevat, jidher li ma jezisti ebda dubju dwar il-ftehim li sussegwentement sar bejn Robert Gauci u l-konjugi Taliana, ghaliex dan kien necessarju li jsir sabiex in-negozju jigi trasferit ghal fuq l-istess konjugi Taliana kif fil-fatt sar u gie pruvat fil-mori tal-kawza, inkluz permezz tad-*distribution agreement*[17] li sar bejn l-MDP u l-konjugi Taliana.

4. <u>Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Vikcy Lynn Gauci, fis-sens li hija ma ffirmatx fuq il-konvenju relattiv u fuq l-att finali u konsegwentement qatt ma setghet tinkassa flus ghaliex sar kollox bil-mohbi taghha</u>

Il-Qorti tirrileva li hija tinsab rinfaccata b'verzjonijiet kompletament differenti, fejn min-naha il-konvenuta tikkontendi li ma kienetx taf x'inhu ghaddej minn wara daharha u li ma setghet qatt tinkassa flus filwaqt li il-konvenut zewgha stess jghid li ffirmat il-ftehim mal-MDP u il-konvenuta stess tikkonferma dan, ghalkemm tghid li

---

11 Ara l-kuntratt ta' self esebit a fol 155 tal-process

12 Ara x-xhieda tieghu datata t-2 ta' Frar 2009 a fol 83 tal-process

13 Ara x-xhieda tieghu datata t-2 ta' Frar 2009 a fol 84 tal-process

14 Ara x-xhieda tieghu datata t-2 ta' Frar 2009 a fol 84 tal-process

15 Ara Dok PS2 esebit a fol 132 tal-process

16 Ara x-xhieda taghha esebita a fol 202 tal-process

17 Ara Dok PS3 esebit a fol 138 tal-process

kienet mhedda biex tiffirma u li kienet taf ukoll minn fejn huma derivanti l-flus ghall-hanut tax-xahar.

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti tifhem li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l- fattispece partikolari tieghu u dan jghodd ukoll fejn si tratta ta' l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic- certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l- motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur, in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi irnexxielu jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Illi ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant, li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Ili kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-28 t'April 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

***"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew ikollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo***".

Illi in oltre, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-25 t'April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie ritenut illi:-

***"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli"***;

Illi fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghal Dok. RG7[18] u cioe l-ftehim bejn l-MDP u il-konvenuti u li permezz tieghu s-socjeta' MDP Ltd iddikjarat li kienet laqghet it-talba taghhom sabiex icedu d-dritt taghhom ta' distribuzzjoni fuq area 6 filwaqt li l-MDP iddikjarat li m'ghandha ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-istess konvenuti. Issir referenza wkoll ghax-xiehda tal-konvenut Robert Gauci[19] fejn jiddikjara bl-aktar mod car li "***il-mara kienet ffirmat biex l-agenzija tigi trasferita lil MDP***". Il-

[18] Ara a fol 24 tal-process

[19] Ara x-xhieda tieghu datata l-24 ta' Gunju 2009 esebita a fol 216 tal-process

konvenuta stess tikkonferma li ffirmat xi karti waqt li kienet l-MDP Ltd (wara li kien cemplilha r-ragel jibki) u dan ghaliex "***Oscar Attard qalli biex niffirmaha l-karta u qrahieli izda ma ffirmajtx mal-ewwel. Oscar Attard heddidni li jekk ma niffirmax, nissekwestralek d-dar u l-flus nohodhom xorta. Beda jippressani biex niffirma .....iffirmajt il-karta***". Jidher ghalhekk li m'hemm ebda dubju dwar il-fatt li il-konvenuta kienet iffirmat il-ftehim mal-MDP u tikkonferma wkoll li lil Taliana rathom ghall-ewwel darba l-MDP. L-istess konvenuta meta xehdet in subizzjoni[20], tikkonferma li kienet taf li n-negozju kien tal-atturi u ta' zewgha ghaliex fi kliemha stess, "***naqbel u kont naf li l-agenzija xtrawha r-ragel u l-attur***". Ghalhekk, il-Qorti hija konvinta li il-konvenuta kienet ben konxja tal-ftehim vigenti bejn l-attur u bejn zewgha, ghalkemm ma kienietx necessarjament prezenti f'kull stadju. Ghalhekk, l-argument taghha meta tghid li ma kienet taf b'xejn ghaliex ma kienitx firmatarja (ghalkemm mhux fuq id-dokumenti kollha relattivi), mhux vero-simili.

Illi il-Qorti tinnota li il-konvenuta donnha (ghaliex ma taghmilx dan b'mod car u dirett fir-risposta guramentata taghha) qed tinvoka l-Art.1322 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' jekk wiehed jaghti harsa lejn l-Art.1322(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa evidenti li x-xiri ta' l-Agenzija tal-halib ma huwiex att ta' amministrazzjoni straordinarja u ghalhekk Robert Gauci seta jiffirma wahdu. Izda dato ma non concesso li kien att ta' amministrazzjoni straordinarja, dak iz-zmien li sar il-kuntratt ma' John Said, l-emendi fil-ligi tal-familja kienu ghadhom ma gewx fis-sehh. Gew fis-sehh aktar tard matul dik is-sena 1993 u xorta wahda Robert Gauci seta jiffirma wahdu.

Illi ta' rilevanza pero huwa l-Art. 1324 tal-Kap. 16 li jipprovdi li **Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f 'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dik is-**

[20] Ara x-xhieda tal-intimata in subizzjoni datata t-12 ta' Jannar 2010 esebita a fol 225 tal-process

**sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.** Robert Gauci kien qed iwettaq atti normali ta' negozju li in linea ta' principju ma jirrikjedux il-kunsens ta' martu sabiex jinkombu u jiggravaw l-komunjoni ta' l-akkwisti. Ghalhekk, anke *ai termini* ta' dan l-artikolu citat, jirrizulta li ma kienx necessarju ghall-konvenuta li tiffirma kull dokument relattiv *stante* li dawn kienu fl-ezercizzju tan-negozju ta' zewgha.

Illi il-Qorti tirrileva wkoll li il-konvenuta naqset milli tintavola proceduri *ad hoc* sabiex tannulla dak li kien ghamel zewgha (skond hi minn wara daharha) *ai termini* tal-Artikolu 1326 tal-Kap. 16 u ghalhekk, kwalunkwe dokument huwa presunt li huwa validu sakemm mhux null *ab initio* (li f'dan il-kaz ma jirrizultax) u sakemm ma jigix attakkat u sussegwentement dikjarat null. Gialadarba il-Qorti m'ghandha ebda prova relatata ma' xi tentattiv da parti tal-konvenuta sabiex tattakka tali dokumenti, allura il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li tqis l-istess bhala validi.

Illi jifdal issa illi il-Qorti tikkunsidra l-kwistjoni tal-flus u d-derivazzjoni taghhom. Il-konvenuta tikkontendi li peress li ma kienet iffirmat xejn u peress li sar kollox bil-mohbi taghha (ghalkemm il-Qorti diga' ddikjarat li din it-tezi m'hi vero-simili xejn), hi qatt ma setghet tinkassa xi flus derivanti mill-istess negozju u li kienu jappartjenu lill-attur u lil zewgha. Il-Qorti lanqas ma tista' taqbel ma' dan l-argument, ghaliex jekk il-konvenuta kienet konxja mill-vizzju tal-loghob li ghandu il-konvenut zewgha (u dan *ex admissis* minnha stess), kienet konxja wkoll mill-fatt li n-negozju ma kienx ta' zewgha biss, u kienet konxja wkoll mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' zewgha, ghaliex hi stess tiddikjara li kienet tara lil zewgha inkwetat u fi kliemha stess,"***meta nsaqsih x'ghandu ghidli naqra dejn mal-fabbrika issa nirranga***", setghet facilment tivverifika mal-attur jekk hux minnu li kien sellef xi flus lil zewgha. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni moghtija mill-konvenut zewgha meta jiddikjara li kien qallha b'kollox minn fejn kienu gejjin il-flus ghall-

hanut tax-xahar[21] hija ferm aktar verosimili mill-verzjoni li taghti l-konvenuta, u cioe' li l-attur kien sellfu Lm6000, ghaliex li kieku verament sar tali self, zgur li l-konvenut kien jaghzel li jissalda d-dejn mal-fabbrika milli jkompli jkabbar id-dejn li kellu (u li kien qieghed jinkwieta fuqu).

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

Illi il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza bir-referenza numru 189/2007 fl-ismijiet **Vicky Lee Gauci vs Robert Gauci deciza** nhar it-28 ta' Ottubru 2010[22], fejn il-Qorti qalet li rigward id-dejn pretiz minn Raymond Gauci fl-ammont ta' Lm50,000 u li dwaru hemm kawza pendenti quddiem il-Qrati (u cioe' dik odjerna), il-Qorti tordna li jekk dan il-kreditu jigi eventwalment kannonizzat u konfermat mill-Qorti, allura dan ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgali bejniethom.

Ghalhekk, in vista ta' dak suespost, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici *stante* li permezz ta' digriet datat is-26 ta' Frar 2008, il-konvenuta Vicky Lynne Gauci inghatat l-opportunita' li tipprezenta r-risposta guramentata taghha u filwaqt illi rat illi l-konvenut ammetta t-talbiet kollha, tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet rimanenti attrici; Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet hekk kif mitluba fir-rikors promotur kontra il-konvenuti fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] Ara x-xhieda tal-intimat datata l-24 ta' Gunju 2009 esebita a fol 216 tal-process

[22] Esebita a fol 563 tal-process